**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2020.**

**Rikors Guramentat nru: 1/2005 AGV;**

**AB personalment u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri CB, DB u EB (ID nru: 366871M)**
**Vs**
**FB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB tat- 3 ta' Jannar 2005, fejn ppermettiet u pprezentat s-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar id- 29 ta' Lulju 1990;

2. Illi minn dan iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieldu tlett itfal, u cioe’ C, ta’ tnax-il sena D ta’ disa’ snin u E ta’ sitt snin;

3. L-imsemmi FB rrenda ruhu hati kontra l-attrici martu ta’ sevizzi, eccessi, minacci, theddid u ingurji gravi, b’ mod li rrenda impossibbli l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet;

4. L-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghall-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Dok ST 1;

Ghaldaqstant, ighid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex;

1.Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Tanti, minhabba sevizzi, eccessi, minacci, theddid u ingurji gravi, li l-imsemmi FB ikkommetta fuq martu;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C, D u E f’ idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha personalment u/jew ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha;

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’ zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, billi tikkonsidra t-tortijiet kommessi rnill-konvenut b' konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment okkorrendo billi jigi

nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali u cioe' 'Memories', Triq Vincenz Saliba, Birkirkara u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix f' din id-dar matrimonjali flimkien mat-tfal minuri;

7. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 13 ta' April 2005, fejn eccepixxa bir-rispett;**

1. Li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan unikament minhabba l-adulterju kontinwat u ripetut tal-istess AB, barra eccessi sevizzi u ngurji gravi da parti taghha lejn il-konvenut.

2. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f' idejh minhabba l-hajja sregolata tal-attrici u minhabba li mhix idonea biex tiehu hsieb il-minuri u mhux fl-interess tal-minuri li jibqghu maghha anke l-bniet li llum jinsabu maghha.

3. Illi l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' manteniment u dwar il-minuri l-esponenti ghandu dritt li jmantnihom hu f' daru.

4. Illi l-attrici ghandha titlef kull sehem mill-komunjoni tal-akkwisti u dan minhabba li dak li hemm hu frott tax-xoghol kbir tal-konvenut filwaqt li l-attrici kienet minn dejjem tghix hajja sregolata.

5. Illi l-attrici m'ghandha xejn parafernali.

6. Illi kienet l-attrici li harbet ma' haddiehor u telqet id-dar konjugali, u d-dar ghandha tibqa' ghand l-konvenut.

7. Illi s-sanzjonijiet taht l-Artiklu 48 ghandhom jigu applikati unikament kontra l-istess attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat li fit-28 ta' Frar, 2017 dina l-Qorti tat sentenza in parte, liema sentenza giet appellata u giet deciza fil-15 ta' Lulju, 2019 fejn gie deciz hekk:-

***"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiedgha taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad iz-zewg eccezzjonjiiet ta' nullita' mressqa mill-appellat, tilqa' l-appell tal-attrici appellanta u tirriforma s-sentenza billi tiddikjara illi kien il-konvenut appellat unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg putattiv; tiddikjara li n-negozju bl-isem "The Champ" f'San Gwann huwa proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u dan skond kif deciz aktar 'l fuq u tiddikjara u tordna li l-attrici ghandha tippartecipa fid-dhul generat minn negozji tal-komunjoni.***

***L-atti qed jigu rinvijati lill-Ewwel Qorti biex, kif inhu riservat, tisma' u ttiddeciedi l-materja dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fid-dawl ta' dak deciz.***

***L-ispejjes tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li l-ispejjes ta' dan l-appell ghandhom ikunu kollha a karigu tal-appellat."***

Rat ukoll illi l-attrici kienet fethet kawza fil-konfront tal-konvenut fl-ismijiet **AB vs FB Nru. 633/08 JZM,** biex tirrexxindi ftehim qarrieqi li l-konvenut kien ghamel ma' sid il-kera tal-hanut gewwa San Giljan, liema kawza giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sena 2016 u liema sentenza hija fi stadju ta' appell li ghadu mhux appuntat.

Skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza fil-15 ta' Lulju, 2019, gie deciz illi l-attrici ghandha tippartecipa fid-dhul generat minn negozji tal-komunjoni, negozji li jikkonsistu fi hwienet tal-pastizzi u l-avvjament tal-pastizzerija "The Champ" gestit minn 65, St.George's Rd, San Giljan, kif ukoll il-hanut l-iehor "The Champ" f'San Gwann. Skond id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell gie deciz li dawn iz-zewg negozji jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-atti gew rinvijati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tisma' u tiddeciedi l-materja dwar likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fid-dawl ta' dak deciz.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-provi dokumentali li gewipprezentati.

**IKKUNSIDRAT**

Illi bhala l-kumplament tal-likwidazzjoni tal-assi, dina l-Qorti ghandha tikkunsidra biss zewg negozji u cioe' il-hanut ta' "The Champ" f'San Giljan, kif ukoll dak bl-istess isem "The Champ," f'San Gwann, kif ukoll hlasijiet ta' taxxa u qliegh minn negozji.

**<u>HANUT SAN GILJAN</u>**

Gie osservat illi l-konvenut kien ghamel minn kollox sabiex icahhad lill-attrici minn sehemha tan-negozju tal-hanut "The Champ," f'San Giljan. L-akkwist tat-titolu b'kera tal-hanut gewwa San Giljan sar matul iz-zwieg tal-kontendenti kif indikat fl-iskrittura privata datata 8 ta' Frar, 2001, iffirmata quddiem in-Nutar Pierre Falzon bejn l-istess kontendenti u sid il-kera, Maria Perrett (Dok.MP 1).

Madanakollu skond skritturi ohra esebiti, jirrizulta illi fl-14 ta' April, 2005, u cioe' waqt il-kors ta' proceduri ta' separazzjoni, il-konvenut ittermina l-kirja msemmija minghajr il-kunsens tal-attrici hekk kif indikat f'Dok. MP 2 illi m'ghadux la psikologikament u lanqas fizikament kapaci li jmexxi l-istess haunt u josserva l-obbligi minnu assunti fl-istess kuntratt. Izda fl-istess gurnata meta l-konvenut ittermina l-kirja, huh GB ffirma skrittura privata dwar l-istess fond ma' HI (Dok.MP 3). Bl-akbar rispett, din il-manuvra min-naha tal-konvenut assolutament mhix konvincenti tenut kont illi din saret anqas biss tmien xhur wara s-separazzjoni *de facto* bejn il-kontendenti u ftit aktar minn tliet xhur wara li nfethu l-proceduri ta' separazzjoni. Wiehed ikompli jiddubita l-genwinita' tal-konvenut meta jara li fit-12 ta' Novembru, 2008 il-konvenut

xehed li kien ghamel trasferiment fuq huh ta' negozju illi jibqa' ghaddej 24 siegha kuljum, hanut iehor u l-permessi relattivi, flimkien mal-apparat u l-ghodod b'xejn. Fil-fatt, in sostenn ta' din in-nuqqas ta' genwinita', b'sentenza tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs FB u GB (Appell Kriminali 94/2009)** l-imputati gew misjuba hatja ta' dikjarazzjoni falza taht l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-konvenut kien iddikjara li kien separat meta ttrasferixxa l-permess tal-hanut "The Champs" Pastizzerija, f'San Giljan fuq huh Antoine Tanti.

**HANUT SAN GWANN**

Ghar-rigward il-hanut ta' San Gwann, jirrizulta li l-kirja tal fond originarjament kienet parafernali ghall-konvenut.[1] Madanakollu, m'hemmx dubbju li n-negozju beda jigi gestit u gie mkabbar fiz-zwieg u ghalhekk certament illi avvjament tal-istess jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut zied ighid li l-kirja tal-post ta' San Gwann m'ghadhiex tappartjeni lilu stante illi matul iz-zwieg, hu u l-attrici ghaddewha lil huh JB. Da parti taghha l-attrici tichad li hija ffirmat ghal xi trasferiment u dejjem kienet tiftakar lil huh bhala manager f'dan il-hanut. Wara s-sentenza tal-Appell, il-konvenut ipproduca kuntratt ta' kiri li sar fil-15 ta' Marzu, 2011 ghall-kiri tal-hanut f'San Gwann u dan apparti li kien ghall-perjodu ta' sitt snin di rispetto, gie ffirmat ghan-nom ta' Champ Operations Limited. Qabel dan kien jappartjeni lill-konvenut u lill-attrici u ghalhekk kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Kif accennat ben tajjeb l-attrici, il-konvenut kien fil-mori tal-proceduri ta' separazzjoni ittrasferixxa l-kirja tal-hanut lil huh u dan definittivament kien sar minghajr l-awtorizzazzjoni tal-attrici u ad

[1] Ara kuntratt 22 ta' Mejju, 1990 a fol. 382 tal-process.

insaputa taghha. Kif kien diga' nnutat mill-Perit Legali fir-rapport taghha, ***"fil-kaz ta' trasferimenti l-ohra kollha illi ghamel il-konvenut in konnessjoni man-negozju, dejjem saret skrittura bil-miktub u ghalhekk, il-fatt li dan ma sarx fil-kaz tal-allegat trasferiment tan-negozju lil Johann Tanti, iwassal ghall-konkluzzjoni, f'mohh l-esponenti, illi effettivament mhux minnu illi sar tali trasferiment…"*** [2]

Jirrizulta kemm il-darba mill-provi ta' dan il-kaz, li l-konvenut mhux persuna affidabbli u ghamel minn kollox sabiex jisvesti lill-attrici minn dak li hu dovut lilha. Kaz simili bhal ta' qabel u meta qatt - hlief wara s-sentenza ta' Appell - ma gie pprezentat dan il-kuntratt ta' kiri u aktar tissahhah l-ideja li l-konvenut kellu kull intenzjoni li jqarraq bl-attrici. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, dan in-negozju mill-hanut ta' San Gwann ghandu jibqa' jigi kkunsidrat bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**<u>TAXXI</u>**

Mill-provi ukoll jirrizulta li kien hemm ammonti ta' taxxa mhux imhallsa u dan fi zmien li kien qed jiggestixxi n-negozju l-konvenut. F'dan ir-rigward, il-konvenut esebixxa sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva moghtija fis-17 ta' Ottubru, 2019 ghal-likwidazzjoni ta' taxxa bejn is-snin 2002 sa 2006. Jinsisti li ma setax jiddefendi lilu nniffsu peress li kienu nsterqu l-karti mid-dar. L-attrici da parti taghha tghid li l-konvenut kien baghat diversi formuli tat-taxxa billi ffalsifika l-firma taghha u ghamlet rapport f'dan is-sens mal-Pulizija.

[2] Ara fol. 1913 tal-process

Tenut kont tal-fatt li l-konvenut qed jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, kif deciz mis-sentenza appellata u tenut kont li dik l-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-15 ta' Lulju, 2019 ordnat li l-attrici ghandha tinghata sehemha mill-flus li ggeneraw il-hwienet bl-isem "The Champ," f'San Gwann u f'San Giljan rispettivament, dina l-Qorti thoss li l-attrici ghandha tigi assenjata l-kirja tal-hanut "The Champ," 65, St.George's Rd, San Giljan, flimkien mal-avvjament u l-makkinarju, apparat u permessi relattivi, filwaqt li l-konvenut ghandu jigi assenjat il-hanut "The Champ," San Gwann.

Kwalsiasi dejn appartenenti l-hwienet "The Champ," sa mis-sena 2004 ghandu jibqa' a karigu tal-konvenut, inkluz kwalsiasi pagamenti ta' taxxa dovuta.

**<u>QLIEGH TAN-NEGOZJU</u>**

Inoltre, jirrizulta li sa mis-sena 2004, il-konvenut kien baqa' jzomm ghalih l-qliegh tan-negozju, fatt ikkonfermat anke mill-Qorti tal-Appell li ordnat li minnhom ghandhom jithallsu lura s-sehem tal-attrici.

L-attrici mxiet skond dak li diga' gie deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-15 ta' Lulju, 2019 u kkalkolat dak li l-hwienet iggeneraw tul il-hmistax-il sena li l-konvenut baqa' jiggestixxi n-negozju u jgawdi l-profitti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, wasslet ghall-ammont ta' disa' mija, sebgha w erbghin elf, mija w hamsa w erbghin Ewro ( €947,145) u dan ma jirrizultax ikkontestat mill-konvenut. Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma li dan l-ammont ghandu jigi assenjat lill-attrici.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) In segwitu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Lulju, 2019 tilqa' r-raba' talba attrici u tvarjaha fis-sens li:-

a) L-attrici tigi assenjata l-kirja u l-gestjoni tal-hanut "The Champ," San Giljan, flimkien mal-avvjament, permessi u l-armar u makkinarju;

b) Il-konvenut jigi assenjat il-hanut "The Champ" San Gwann;

c) Il-konvenut jassumi kwalsiasi djun, inkluz arretrati tat-taxxa relatati mal-hwienet;

d) L-attrici ghandha tithallas is-somma ta' €947,145 bhala sehemha mill-qliegh tal-hwienet sa mis-sena 2004.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Cettina Gauci**

**Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**